MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 348/2003

**IL-PULIZIJA**

**SPETTUR JURGEN VELLA**

**KONTRA**

**NOEL AQUILINA ta' 36 sena, iben il-mejjet Mario u Nina nee' Bajada, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23 ta' Dicembru, 1975, residenti fil-fond numru 62, Triq id-Dejqa, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 40976M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Noel Aquilina** li gie akkuzat talli:

a. Nhar it-23 ta’ April, 2003, u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin f’hinijiet differenti u f’postijiet differenti mill-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli nhar it-23 ta’ April, minn vann tal-ghamla Ford mudell Escort, ta’ lewn bajdani u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni TFD514, li kien ipparkjat f’Church Avenue, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ decoder tal-Melita Cable tal-ghamla Jerrold mudell 550 u bin-numru tas-serje T2F470051431, li jiswa Lm90.00, ghad-dannu tal-kumpanija Melita Cable TV plc, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta ta’ haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 263, 267, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara volontarja fuq il-hgiega ta’ quddiem tan-naha tal-lemin tal-van Ford, mudell Escort ta’ lewn bajdani u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni TFD514, ghad-dannu tal-istess kumpanija Melita Cable TV plc, liema hsara teccedi l-Lm50.00;

d. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara volontarja fuq il-bieba ta’ quddiem tan-naha tal-lemin tal-vann tal-ghamla Ford mudell Transit ta’ lewn beige u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni JAJ268 li kien jinsab ipparkjat fi Triq Santa Monika, Rahal Gdid, ghad-dannu ta’ David Grasso minn Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-Lm100.00

e. U aktar talli nhar il-15 ta’ Jannar, 2003, minn vettura tal-ghamla Hyundai mudell Accent ta’ lewn silver u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GBB078, li kienet ipparkjata fi Triq Dun Karm Sant, Hal-Tarxien, ikkommetta s-serq ta’ serq mobile phones tal-ghamla Nokia mudell 3310 li jiswew Lm75.00-il wiehed, ghad-dannu ta’ Juan Mizzi minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 263, 267, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjamnet ikkaguna hsara volontarja fil-hgiega ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura tal-ghamla Hyundai mudell Accent ta' lewn silver, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GBB078 ghad-dannu tal-istess Juan Mizzi minn Bormla, liema hsara teccedi l-Lm100.00

Rat li fi stadju ta' interrogatorju Noel Aquilina wiegeb illi kien hati ta' l-ewwel zewg akkuzi biss, cioe' ta' dawk li huma mmarkati bl-ittri (b) u (c).

Rat li rregistra li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal dan. Vide wkoll verbal a folio 16, kif ukoll l-iterrogatorju mill-gdid li sar a folio 30, u l-kunsens gdid esebit a folio 35.

Illi in vista' tal-fatt illi l-imputat irregistra l-ammissjoni hawn fuq imsemmija, allura din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi mressqa fil-konfront ta' l-akkuzi l-ohrajn.

Ghandu jinghad fl-ewewel lok illi gew presentati diversi sentenzi biex jippruvaw ir-recidiva. L-identita' ta' tali sentenzi tohrog sew mill-fatt li whud minnhom ghandhom in-numru tal-karta ta' l-identita'. Barra minn hekk hemm ukoll ix-xhieda ta' l-Ispettur David Saliba a folio 89 dwar dan.

Ramon Bromich barra li xehed dwar is-serq tad-decoder mill-vettura tal-Melita Cable, reat gia' ammess, xehed ukoll dwar il-valur tad-decoder u l-hsarat li sofriet l-istess vettura. Ghalhekk ezebixxa l-valur soffert bhala hsara fil-van minhabba s-serqa, ghaliex dan kellu hgiega miksura, versu l-ammont ta' Lm69.00, u l-valur tad-decoder versu l-ammont ta' Lm38.00, a folio 103 u 104 rispettivament. L-original ezebiti a folio 126 u 127.

Illi minn naha l-ohra xehed Saviour Scerri dwar is-serqa li giet kommessa mill-karozza Hyundai pparkjata quddiem id-dar tieghu. Qal illi ra lill-imputat jigri minn gol-karozza. Cert li rah gol-karozza, qal li kissrulu hgiega tal-karozza u li serqulu zewg telecells. Tkellem fil-plural ghax fil-karozza kien hemm tnejn.

Minn naha tieghu Juan Mizzi wkoll xehed dwar din is-serqa li grat mill-karozza ta' missier it-tfajla tieghu. Qal illi ra lil xi hadd hiereg minn go din il-karozza. Anke hu ra tnejn minn nies, irgiel. Sab il-hgiega bicciet bicciet. Sab ukoll kartiera u zewg mobiles neqsin, mobiles it-tnejn tal-marka Nokia. Qal li kienu jiswew Lm75.00. Xehed ukoll illi l-kartiera pero kienet vojta u li kienet tiswa circa Lm2.00.

Xehed ukoll li biex sewwa l-bieba giet Lm29.00 ghall-hgiega, u Lm30.00 l-spray tal-bieba. Anke hu gharaf l-imputat bhala wiehed mill-maliviventi li dahlulu fil-karozza.

Ikkonsidrat:

Illi apparti ghall-ammissjoni, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju dwar il-htija ta' l-imputat fil-konfront ta' l-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 263, 267, 271, 325, 18, 49 u 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll ix-xhieda tar-rapprezentanti tas-Sedqa, semghet ukoll lil Marietta Lanzon, insistenti fuq il-progress li baqa' jaghmel sal-lum Noel Aquilina, tant li kienet ta' l-opinjoni li ma kienx haqqu piena karcerarja effettiva;

Ghalhekk qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------